# TWISSIJA MILL-MFSA

## http://www.fxddtrade.com/

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ("MFSA") tixtieq tavża lill-pubbliku li s-sit elettroniku http://www.fxddtrade.com/ qed jiżvijja lill-pubbliku bl-użu ta' isem li huwa simili għall-dak ta' kumpanija eżistenti u liċenzjata mill-MFSA.

L-MFSA għaldaqstant twissi l-pubbliku, kemm f'Malta u barra minn Malta, li dan is-sit elettroniku mhuwiex liċenzjat jew awtorizzat mill-MFSA biex jipprovdi xi servizzi ta' investiment jew servizzi finanzjarji oħra u li għalihom jeħtieġu liċenzja jew xi forma ta' awtorizzazzjoni oħra skont il-liġi Maltija. Il-pubbliku għandu ghalhekk joqghod lura milli jaghmel xi negozju jew tranżazzjonijiet mal-entità msemmija.

L-MFSA tappella lill-investituri u konsumaturi tas-servizzi finanzjarji biex qabel ma jagħmlu kwanlunkwe investiment jew jidħlu f'ebda transazzjoni ta' servizzi finanzjarji jkunu ċerti li l-entità li magħha qed isir l-investiment jew it-transazzjoni hija awtorizzata li tipprovdi dawk is-servizzi mill-MFSA jew minn xi regolatur ieħor tas-servizzi finanzjarji kif applikabbli.

Lista ta' entitajiet liċenzjati mill-MFSA hija disponibbli mingħand l-MFSA u tista' tiġi aċċessata minn fuq is-sit uffiċjali tal-MFSA fuq http://www.mfsa.com.mt/pages/licenceholders.aspx.

**Taqsima tal-Komunikazzjoni**
**L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**
**Twissija MFSA: 01-2017**
**24 ta' Jannar 2017**